MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 18/2012/1

**Raymond Auto Dealer Limited (C 9850)**

**v.**

**L-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attriċi *Raymond Auto Dealer Limited* minn sentenza mogħtija fis-26 ta' Frar 2015 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza

tagħha kostituzzjonali li ċaħdet talba tal-attriċi għal dikjarazzjoni illi d-disposizzjoni tar-reg. 3 tal-Avviż Legali 381 tal-2003 [“L.S. 65.23”][1], kif applikat għall-każ tagħha, jikser id-drittijiet tagħha mħarsa taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni [“l-Ewwel Protokoll”], u biex jingħata rimedju xieraq. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Is-soċjetà attriċi kienet kreditriċi kanonizzata ta’ terzi persuni u biex titħallas kisbet illi tinbigħ *sub hasta* vettura tad-debituri. Il-bejgħ seħħ fis-16 ta’ Frar 2009 u l-vettura nkisbet mill-attriċi. L-Awtorità għat-Trasport f’Malta [“l-Awtorità”], iżda, ma ħallietx illi l-vettura tiġi reġistrata f’isem l-attriċi jekk din ma tħallasx il-multi jew ammendi għal kontravenzjonijiet u ħlasijiet oħra akkumulati fuq il-vettura qabel ma din kienet inkisbet mill-attriċi, b’kollox tlitt elef, mija u tnejn u disgħin euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€3,192.51). L-Awtorità ippretendiet dan il-ħlas bis-saħħa tar-reg. 3 tal-L.S. 65.25:

> “**3.** Meta qorti ta’ ġurisdizzjoni kriminali twaħħal multa jew ammenda, jew meta Kummissarju għall-Ġustizzja jkun għamel ordni għall-ħlas ta’ penali bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, li jkollha x’taqsam ma’ xi reat taħt l-Ordinanza li jsir bl-użu ta’ xi *motor-car* jew vettura, u dik il-multa, ammenda jew piena, skond il-każ, ma tkunx tħallset, l-Awtorità ma għandhiex tikkonċedi u tirreġistra t-trasferiment tal-liċenza ta’ dik il-*motor-car* jew vettura minn fuq is-sid għal xi persuna oħra, sakemm isir il-ħlas ta’ dik il-multa jew ammenda jew penali.”

1 Regolamenti dwar it-Trasferiment ta’ *Motor-Car*, Leġislazzjoni Sussidjarja 65.23.

3. Minkejja l-oppozizzjoni tal-Awtorità, it-trasferiment tal-vettura fuq l-attriċi sar bis-saħħa ta' dikriet tal-qorti tat-18 ta' Novembru 2009. L-attriċi mbagħad, wara li għamlet tiswijiet fuq il-vettura, sabet il-bejgħ tagħha lil terzi. Meta iżda ġiet biex tagħmel ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment reġgħet sabet l-opposizzjoni tal-Awtorità li baqgħet tinsisti li, qabel, isiru l-ħlasijiet li, sallum, għadhom ma tħallsux.

4. L-attriċi tgħid illi hija ma kinitx taf, u lanqas setgħet taf, bil-kontravenzjonijiet qabel ma sar il-bejgħ tal-vettura, u illi l-Awtorità ma għamlet xejn biex tiġbor il-ħlas mingħand min kellu jħallashom, *viz.* is-sidien ta' qabel.

5. Billi hija tal-fehma illi dan kollu qiegħed ifixkilha fit-tgawdija ta' ħwejjiġha, għax la tista' tbigħ il vettura u lanqas tużaha fit-triq billi lanqas il-liċenza tat-triq ma tista' tiġġedded, l-attriċi fetħet din il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

> "i. tiddikjara li d-disposizzjonijiet tal-artiklu 3 tal-Avviż Legali 381 tal-2003 kif applikat fil-każ odjern iledi d-drittijiet fundamentali kemm ta' proprjetà kif ukoll ta' smigħ xieraq, u allura huma in violazzjoni tal-artiklu 1 Protokol 1 u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali;
>
> "ii. taghti rimedju xieraq, effettiv u opportun, konsistenti fl-ordni li jitneħħa b'mod assolut l-ostaklu tal-imsemmija kontravenzjonijiet u miżati fuq riferiti *stante* li ma jispettawx lill-esponenti;
>
> "iii. tikkundanna lill-intimati biex iħallsu kumpens xieraq u danni morali lis-soċjetà rikorrenti biex jagħmel tajjeb għad-danni pekunjarji u *extra*-pekunjarji minnha sofferti."

6. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet dawn it-talbiet wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-fatti tal-vertenza odjerna jistgħu jiġu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

“i. illi s-soċjetà rikorrenti kienet soċjetà kreditriċi ta’ Mario Buhagiar u Michelle Bugeja;

“ii. illi l-pretensjonijiet tal-istess soċjetà ġew reżi esegwibbli permezz t’ittra uffiċjali datata l-28 ta’ Mejju, 2007;

“iii. illi konsegwentement inħareġ ukoll mandat ta’ qbid fuq il-vettura in diżamina tal-marka *Fiat* numru KBG-703;

“iv. illi sussegwentement ittieħdu proċeduri permezz ta’ *sub hasta* li ġiet effettwata fis-16 ta’ Frar 2009;

“v. illi permezz tal-istess is-soċjetà rikorrenti akkwistat il-vettura *de quo animo compensandi*;

“vi. illi meta għalhekk is-soċjetà rikorrenti marret tirreġistra l-vettura f’isimha ġiet infurmata li kien hemm diversi pendenzi fir-rigward tal-istess vettura u konsegwentement ir-reġistrazzjoni kienet pre-kluża milli tiġi konkluża;

“vii. illi għalhekk is-soċjetà rikorrenti qed tilmenta li d-drittijiet funda-mentali tagħha ġew leżi u allura intavolaw il-proċedura odjerna;

“Ikkunsidrat:

“Illi riżultat tas-suespost jiġi rilevat is-segwenti:

“i. illi kif isostni l-intimat Avukat Ġenerali, hu ta’ dominju pubbliku li s-soċjetà rikorrenti hi fis-settur tan-negozju tal-vetturi użati u għalhekk hi ben konsapevoli tal-proċeduri kollha involuti fit-tras-feriment ta’ reġistrazzjoni ta’ vetturi;

“ii. illi jirriżulta paċifiku li l-akkwist konkluż mis-soċjetà rikorrenti seħħ a bażi ta’ proċedura ta’ *sub hasta*;

“iii. illi konsegwenza tal-istess, is-soċjetà rikorrenti akkwistat il-vettura in diamina *tale quale*;

“iv. illi ma jirriżultax li s-soċjetà rikorrenti effettwat xi riċerki fuq l-ante-ċedenti li rriżultaw u allura sabet ruħha konfrontata b’diversi pagamenti naxxenti minn kontravenzjonijiet u miżati inkorsi mill-utenti preċedenti Buhagiar u Bugeja fuq indikati;

“v. illi jirriżulta għalhekk paċifiku li l-istess soċjetà rikorrenti naqset li teffettwa l-verifiki tagħha fir-rigward qabel ma tipparteċipa fis-*sub hasta* inizjata minnha stess;

“vi. illi għalhekk, nuqqas li oriġina mill-istess nonkuranza tas-soċjetà rikorrenti m’għandux jiġi merfugħ mill-erarju pubbliku li wara kollox qed jirrappreżenta liċ-ċittadin rett li jħallas it-taxxi kollha minnu dovuti;

“vii. illi *di più* jirriżulta wkoll paċifiku li meta wieħed jixtri permezz ta’ *sub hasta* wieħed ikun qed jixtri l-mobbli jew immobbli involut *tale quale* li fil-każ in diżamina jfisser li l-akkwirent ikollu jħallas il-kontravenzjonijiet u miżati involuti, *stante* li tali akkwist ma jeżentax lill-akkwirent mill-piż li jista` jkun allaċċjat mall-istess mobbli jew immobbli hekk mixtri;

"viii. illi soċjetà bħal dik rikorrenti għandu jkollha esperjenza biżżejjed biex tkun taf li dak minnha propost bl-azzjoni odjerna mhux possibbli, tenut kont ukoll tal-fatt li l-avvanz amministrattiv riskonstrat jiffaċilita tali riċerka reża hekk neċessarja *tramite* verifika elettronika;

"Ikkunsidrat:

"Illi jirrizulta *di più* assodat li r-reġistrazzjoni rikjesta kienet effettivament seħħet u, konsegwentement, il-vjolazzjoni hawn indirizzata mis-soċjetà rikorrenti allura attwalment ma tirriżultax;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-allegazzjoni tas-soċjetà rikorrenti li l-vettura in diżamina nstabet li kellha bżonn ta' diversi riparazzjonijiet lanqas ma treġi *stante* li l-akkwist *de quo*, kif ritenut ukoll aktar qabel, sar *tale quale* wara li l-istess tkun eżaminata mill-parteċipanti tas-*sub hasta de quo*;

"Ikkunsidrat:

"Illi tenut kont tas-suespost ma jirriżultax li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti kif minnha reklamati, u konsegwentement, filwaqt li takkolji r-risposti tal-Awtorità intimata u tal-intimat Avukat Ġenerali, ma tqisx li s-soċjetà rikorrenti pprovat il-każ tagħha u għalhekk:

"Tirrespinġi t-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti;

"Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà rikorrenti."

7. L-attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors tal-5 ta' Marzu 2015, li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fit-18 ta' Marzu 2015 u l-Awtorità wieġbet fl-24 ta' Marzu 2015.

8. L-aggravju ewlieni tal-attriċi huwa illi l-ewwel qorti kienet skorretta meta qalet illi l-attriċi kellha mezzi biex tkun taf, qabel ma xtrat il-vettura, xi djun u piżijiet kien hemm fuqha. Fissret dan l-aggravju hekk:

"Illi l-ewwel onorabbli qorti kkonkludiet illi s-soċjetà esponenti hi fis-settur tan-negozju ta' vetturi użati u għalhekk hi ben konsapevoli tal-proċeduri kollha involuti fit-trasferimenti ta' reġistrazzjoni ta' vetturi.

"Illi l-ewwel onorabbli qorti ċahdet it-talbiet attriċi għaliex hija *dealer* tal-vetturi, allegatament ma għamlitx riċerki fuq l-vettura u għaliex l-vettura inbigħet *tale quale*.

"Għalkemm huwa minnu li s-soċjetà rikorrenti hija verament fis-settur tan-negozju ta' bejgħ ta' vetturi kemm ġodda kif ukoll użati, dan ma jfissirx illi hija tkun taf *punto e virgola* l-proċedura kollha ta' kif iseħħu t-trasferimenti u reġistrazzjonijiet ta' vetturi. Din il-konklużjoni tal-ewwel onorabbli qorti hija konklużjoni gratuwita, m'hiex korretta u ma tirriżul-tax mill-atti u lanqas m'hija konklużjoni li tirriżulta minn xi dominju pubbliku.

"Huwa minnu li min jixtri vettura fis-*sub hasta* jixtriha *tale quale* iżda ma jfissirx li b'daqshekk min qed jixtri l-vettura jkun qed jixtri l-vettura bil-multi fuqha. Meta vettura tkun *tale quale* dan qed jirreferi għall-istat u kondizzjoni tal-vettura innifisha u mhux għall-multi li huma tal-*licencee*. Il-multi li huma ta' natura personali, huma kommessi minn individwu u spettanti lill-individwu. Huma dejn personali.

"Il-qorti kkonkludiet illi s-soċjetà esponenti ma effettwatx riċerki anteċedenti. Hawn ukoll il-qorti hija skorretta billi jirrizulta illi effettiva-ment Raymond Zammit kien mar għand *Transport Malta* iżda huma rrifjutaw li jagħtu infomazzjoni dwar multi *o meno* minħabba *data protection*. Fl-ebda ħin ma ġie spjegat li kien hemm xi multi fuq vettura u lanqas ma ġie spjegat lilu dwar kif seta' jkun jaf hemm jew m'hemmx.

"Il-qorti qalet illi s-soċjeta esponenti għandu jkollha esperjenza biżżejjed biex tkun taf li dak minnha propost bl-azzjoni odjerna m'huwiex possibbli tenut kont ukoll tal-fatt li l-avvanz amministrattiv riskontrat jiffaċilita tali riċerka reża hekk neċessarja *tramite* verifika elettronika. Din ukoll hija asserzjoni gratuita u skorretta. Mill-atti jirriżulta ampjament illi fl-ebda ħin ma ġie spjegat minn *Transport Malta* lill-esponenti li seta' jkun jaf dwar il-multi. Meta mar ikellimhom irrifjutaw li jagħtu l-informazzjoni. F'din il-kawża xehed rappreżentant ta' *Transport Malta* u spjega illi jekk wieħed jidħol fil-*website* u jinputtja ċertu *data*, ikollu aċċess għall-eżistenza *o meno* tal-multi iżda dan il-proċess qatt ma ġie spjegat u m'huwiex proċess li avżat lill-pubbliku f'xi liġi, Avviż Legali jew publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq il-*website*. Jekk kien hemm ċavetta ta' kif wieħed jista' jidħol għal din l-informazzjoni. l-esponenti qatt ma ġie informat qabel ma bdiet din il-kawża li kien hemm din iċ-ċavetta eżistenti. Huwa sar jaf b'din il-possibilità proprju meta xehdu r-rappreżentanti ta' *Transport Malta* f'dawn il-proċeduri.

"Illi għalhekk is-sentenza appellata hija bbażata fuq konklużjonijiet skorretti u gratuwiti li ma jirriħultawx mill-atti."

9. Ukoll jekk ma kinitx taf x'setgħet tagħmel biex issir taf kienx hemm multi jew pendenzi oħra fuq il-vettura qabel xtratha, l-attriċi kienet taf illi jekk kien hemm multi li ma tħallsux ma setax isir trasferiment tal-vettura qabel ma l-multi jitħallsu. Dan kienet tafu tant illi d-diriġent tagħha mar jindaga dwar il-

multi qabel ma għamel l-offerta tiegħu fil-bejgħ tal-vettura bl-irkant, u, f'kull każ, kien imissha tkun tafu għax dan il-fatt joħroġ minn liġi debitament pubblikata. Jekk din il-qorti tasal biex temmen illi d-diriġent tal-attriċi ma kienx jaf kif jagħmel biex jikseb l-informazzjoni dwar il-multi, żgur ma tasalx biex temmen ukoll illi min huwa fin-negozju ta' xiri u bejgħ ta' vetturi ma jafx bil-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' trasferiment li joħorġu appuntu mir-reg. 3 tal-L.S. 65.23. Jekk imbagħad l-attriċi, għalkemm taf b'dawn il-kondizzjonijiet, għażlet li xorta tixtri l-vettura għalkemm ma rnexxilhiex issir taf x'pendenzi kien hemm fuqha, *imputet sibi*.

10. F'kull każ, l-attriċi setgħet dejjem titlob stima tal-vettura taħt l-art. 315(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Billi l-multi u pizijiet fuq il-vettura jolqtu l-valur tagħha, u għalhekk informazzjoni dwarhom tkun meħtieġa biex tista' ssir l-istima, din l-informazzjoni kien ikollha tingħata mill-Awtorità meta hekk tordnalha l-qorti, ukoll taħt id-disposizzjonijiet tal-art. 9(*f*) tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* ["Kap. 440"]. L-attriċi ma nqdietx b'dan ir-rimedju u minflok għażlet li tixtri l-vettura għalkemm kienet taf li din setgħet tkun milquta b'multi u djun oħra, u għalhekk ukoll *imputet sibi*.

11. L-attriċi iżda kompliet tgħid illi f'kull każ id-disposizzjoni tar-reg. 3 tal-L.S. 65.23 tikser id-drittijiet imħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u l-art. 6 tal-Konvenzjoni. Dwar l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll qalet hekk:

"Bħala proprjetarja tal-vettura, l-esponenti għandha dritt tgawdi l-vettura u anke tiddisponi minnha.

"Illi fil-kawża odjerna jirriżulta li l-esponenti:

"1. ma tistax tuża l-vettura billi l-liċenza ma tistax titħallas mingħair ma l-ewwel jitħallsu l-multi;

"2. il-vettura għalhekk ġiet *garaged* u tilfet l-valur tagħha;

"3. meta nstab il-bejgħ tagħha, ma setax isir it-*transfer* u l-bejgħ tħassar, il-vettura ġiet ritornata u l-prezz ġie *refunded*.

"Mela mill-premess jirriżulta li l-esponenti qed tiġi privata mit-tgawdiia tal-possidimenti tagħha.

"L-intimati qed isostnu li dan qed isir b'riżultat tal-liġi u *inoltre* li dan huwa mezz amministrattiv kif jiġi protett l-erarju pubbliku u qed jinvokaw d-difiżi kontemplati fl-imsemmi artikolu.

"Illi f'dan r-rigward għandha tiġi eżaminata:

"a) il-proporzjonalità tal-miżura;

"b) jekk dak li qed jsir hux skond il-liġi;

"ċ) jekk l-operat tal-Awtorità u l-applikazzjoni tal-liġi *de quo* jgħaddux il-*fair balance test* u jekk hemmx *a reasonable relationship of proportionality*.

"Proporzjonalità tal-miżura. Huwa konċess li hawn l-istat igawdi minn marġini wiesgħa ta' apprezzameni però biż-żmien il-qrati saru aktar kawti fl-applikazzjoni ta' din il-marġini.

"Ġie ritenut illi "*There must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measure depriving a person of his possessions*".

"Apparti dan wieħed irid jara x'forma ta' kumpens ser jingħata lill-individwu li ġie deprivat mill-possedimenti tiegħu. [... ... ...].

"[… … …]

"Fil-każ odjern l-esponenti li akkwista l-vettura wara *sub hasta* ordnata taħt l-awtorità tal-qorti kellu *legitimate expectation* li jkun jista' jgawdi din il-vettura liberament. Qabel ma saret ls-*sub hasta*, bħal ma dejjem isir, saru d-debiti avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-ġornali lokali, u l-Awtorità, li *del resto* hija *lunga manus* tal-gvern, ma għamlet assolutament xejn biex tindika li hemm tali multi. Lanqas ma sar xi mandat ta' sekwestru.

"Meta l-esponenti offra u għamel l-*bids* tiegħu ma kellux l-iċken idea bil-posizzjoni tal-Awtorità.

"Wara ii l-qorti ordnat it-trasferiment tal-vettura favur l-esponenti, huwa wkoll kellu *legitimate expectation* li d-deċiżjoni tal-qorti kienet waħda effettiva u li minn dak il-mument seta jippossjedi l-vettura b'mod assolut.

"L-Awtorità imponiet piż eċċessiv fuq l-esponenti mingħajr ebda forma ta' kumpens – piż, li l-esponenti jażżarda jgħid, impost biex jippremja l-inerenza [*sic*] tal-Awtorità u kull minn huwa involut biex jiġbor il-ħlas tal-multi. Apparti dan, ħarsa lejn il-multi jindika li dawn ma kinux multi ta' ġurnata jew tnejn iżda multi li akkumulaw fuq medda ta' żmien. F'ċirkostanzi simili l-Awtorità kellha l-għodda biex tenforza l-multi u ma għamlet xejn.

"L-Awtorità ma għamlet l-ebda sforz biex tiġbor il-ħlas tal-multi mingħand Buhagiar u Bugeja u għalhekk umilment jiġi sottomess illi fil-każ odjern l-esponenti qed jiġi mitlub iġorr piż eċċessiv tenut kont l-inerenza tal-Istat.

"*Provided by law*. Fil-każ odjern it-teħid tal-prossidimenti tal-esponenti jista' jiġi ekwiparat ma *de facto* esproprju.

"Wieħed irid jara jekk dan l-esproprju hux qed isir skond il-ligi, jekk il-liġi hijiex qed tiġi applikata korrettament u jekk l-applikazzjoni hijiex waħda arbitrarja. Illi apparti dan "*There must be protection, in the form of procedural safeguards, from arbitrariness*" (*Judgement of the 22nd September 1994* <u>Hentrich & Others</u> *para. 42*).

"Illi fil-każ odjern, *stante* li l-bejgħ huwa wieħed ko-att (*sub hasta*), ma hemm ebda *procedural safeguards* biex jipproteġu d-drittijiet tal-esponenti. Hemm mankanza totali u tali mankanza tivvjola l-prinċipji basiċi tar-*rule of law*.

"Il-liġi in kwistjoni ma tipproteġix individwi li jixtru vettura b'*sub hasta* u ċjoè bejgħ ko-att. L-akkwrenti m'għandhom ebda rimedju amministrattiv biex jissalvagwardjaw il-pożizzjoni tagħhom.

"*Fair balance test and reasonable relationship of proportionality*. Fil-ġbir ta' taxxi u multi l-istat igawdi minn marġini wiesgħa ta' aprezzament. Però hawn għandna każ fejn, kontra kull prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, ma sar assolutament ebda sforz jew tentativ sabiex il-multi jinġabru mingħand il-veri debituri Buhagiar u Bugeja. Huma dawn it-tnejn li għandhom iħallsu u, bir-rispett kollu lejn l-Awtorità għat-Trasport, il-piż tan-nuqqas tagħhom jew ta' kull awtorità statali li tiġbor dawn il-multi mgħandux jigi sopportat a skapitu ta' terzi bħal l-esponenti.

"Fil-każ odjern l-esponenti sempliċement segwa l-liġi u talli għamel hekk m'għandux jigi kastigat u mqiegħed f'sitwazzjoni li jkollu jħallas multi ta' ħaddiehor. La huwa raġonevoli li jsir hekk u wisq inqas ma hemm proporzjonalità bejn il-miżura konċernata u l-piż li l-esponenti qed jintalab iġorr. L-inattività tal-awtoritajiet mhijiex aċċettabli u m'għandhiex tiġi premjata billi, apparti li mhux *good governance*, ma jissodisfax dak il-bilanċ tant rikjest mil-liġi."

12. L-attriċi qiegħda tittratta l-każ bħala wieħed ta' ċaħda mit-tgawdija ta' ħwejjiġha. Fil-verità, iżda, li ġara hu mhux illi lill-attriċi tteħdulha drittijiet li

kellha fuq ħwejjiġha iżda illi l-attriċi kisbet proprjetà li tiswa anqas minn kemm ħasbet li tiswa u minn kemm ħallset għaliha għax dik il-proprjetà hija milquta bi djun *in re.* Għal dan, kif rajna, l-attriċi *imputet sibi* għax ma nqdietx bil-mezzi li tagħtiha l-liġi biex issir taf sewwasew x'tiswa l-proprjetà li kisbet, u hekk ma għamlitx dak li jmissu jagħmel kull xerrej qabel ma jixtri: *caveat emptor*. Mhux każ li, kif tgħid l-attriċi, ma kienx hemm *procedural safeguards* iżda li l-attriċi ma għarfitx tinqeda bihom.

13. Ir-restrizzjonijiet li tirrinfaccja r-rikorrenti wara t-trasferiment tal-vettura huma l-istess restrizzjonijiet li gia` kienu jolqtu l-vettura qabel ma l-attrici akkwistat dik il-vettura u ghalhekk peress illi ebda restrizzjoni gdida ma zdiedet fuq il-vettura l-attrici ma giet imcahhda minn xejn u ghadha fil-pussess ta' dak li akkwistat soggetta ghall-istess restrizzjonijiet.

14. L-argumenti tal-attriċi taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll huma għalhekk għalkollox irrelevanti, għax l-attriċi ma ġietx imċaħħda minn "possedimenti" li qatt ma kienu tagħha.

15. Dwar l-art. 6 tal-Konvenzjoni, l-attriċi, wara li fissret illi l-imposizzjoni ta' multi, li huma penali min-natura tagħhom, jikkwalifikaw il-proċeduri li fihom jiġu imposti bħala proċeduri kriminali, tkompli hekk:

> "Illi għalhekk huwa evidenti li fil-każ odjern fejn *si tratta* ta' imposizzjoni ta' multi li m'humiex kompensatorji, l-esponenti għandu dritt li jkollu adit quddiem tribunal li jkollu ġurisdizzjoni sħiħa kompriż il-poter li jikkanċella l-multi taħt l-aspetti kollha ta' liġi u ta' fatt.

"Fil-każ odjern il-multi in kwistjoni ġew imposti fuq l-konjuġi Buhagiar. [… … …].

"[… … …]

"Illi fil-każ odjern l-esponenti ġie f'posizzjoni fejn biex juża l-vettura jew ibigħha jkollu jħallas multi ta' Buhagiar meta l-esponenti:

"• l-offiżi ġew kommessi minn Buhagiar;

"• il-multi ġew imposti fuq Buhagiar;

"• il-multi huma meqjusa li huma ta' indoli kriminali;

"• l-esponenti qatt ma ġiet akkużata;

"• l-esponenti ma ikkommettiet ebda reat;

"• l-esponenti qed taġixxi b'konsegwenza ta' esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv permezz ta' proċeduri li saru taht l-awtorità tal-qorti u għalhekk imxiet korrettament u skond il-liġi;

"• il-vettura ġiet reġistrata fuq l-esponenti wara ordni tal-qorti;

"• l-Awtorità għat-Trasport, mingħajr il-kunsens jew il-konsapevolezza tal-esponenti, irreġistrat il-multi kontra l-esponenti bħala sid il-vettura;

"• l-Awtorità qed tikkontendi li għamlet hekk bis-saħħa tal-liġi;

"• jekk huwa hekk din l-liġi ma tikkontempla ebda possibilità għall-esponenti li tikkontesta dan l-operat;

"• illi għalhekk l-esponenti ma kellha ebda opportunità tikkontesta l-multi jew tikkontesta d-deċiżjoni tal-Awtorità;

"• illi b'riżultat ta' dan kollu l-esponenti qiegħda f'sitwazzjoni fejn issa l-multi qed igħajtu lilha tant li hemm ristrizzjoni fuq l-*log book* tal-vettura;

"• illi għalhekk ġew imposti multi fuq l-esponenti;

"• illi dawn l-multi ġew imposti meta l-esponenti qatt ma ġiet akkużata, qatt ma kellha opportunità tiddefendi ruħha, qatt ma kellha adit quddiem qorti li għandha l-fakoltà li tħassar il-multi;

"• illi l-esponenti ma ngħatat ebda smigħ, wisq inqas kemm ingħata smigħ xieraq;

"• illi apparti dan, jidher evidenti illi għalkemm l-esponenti rnexxielha tirreġistra l-vettura fuq isimha (wara digriet appositu) dan ma kienx rimedju effettiv *stante* illi l-Awtorità tat-Trasport xorta waħda rrestrinġiet il-vettura kif fuq ingħad. Tentattivi sussegwenti tal-esponenti fl-atti tal-istess *sub hasta* sabiex din r-restrizzjoni tinħall sfaw fix-xejn.

"Illi b'riżultat tal-aġir tal-Awtorità kif fuq premess, ġew totalment annjentati d-drittijiet tal-esponenti kif konfermati mill-qorti fil-proċeduri kontra Buhagiar u Bugeja. Ġew reżi fix-xejn l-effetti tas-*sub hasta* ordnata mill-qorti, ġew reżi fix-xejn kemm id-digriet ta' liberazzjoni tal-

proprjetà (l-vettura) kif ukoll digriet li ordna li l-vettura tiġi reġistrata fuq l-esponenti."

16. Għal darb'oħra l-attriċi qiegħda tagħmel apprezzament ħażin tan-natura ġuridika tar-relazzjoni bejnha bħala sidt il-vettura u l-Awtorità. L-attriċi ma ġiet kundannata tħallas ebda multa u l-Awtorità ma hija kreditriċi tagħha għal ebda multa għax id-dejn ma huwiex personali għall-attriċi iżda biss *propter rem*. Ma huwiex minnu li, kif tgħid l-attriċi, il-multi bis-saħħa tar-reg. 3 tal-L.S. 65.23 "igħajtu lilha". Dik id-disposizzjoni tal-liġi ma tgħidx illi l-Awtorità tista' tippretendi ħlas mingħand is-sid il-ġdid tal-vettura; tgħid biss illi l-vettura tkun soġġetta għal ċerti restrizzjonijiet sakemm isir il-ħlas. L-attriċi effettivament aċċettat li tikseb il-vettura b'dawn ir-restrizzjonijiet meta xtratha b'għajnejha miftuħa għall-possibilità li l-vettura tista' tkun milquta bi djun ta' multi u għalhekk milquta wkoll bir-reg. 3 tal-L.S. 65.23, ladarba, għalkemm għandha titqies li kienet taf b'dik id-disposizzjoni tal-liġi, għażlet li xorta tixtri l-vettura bla ma tinqeda bir-rimedju li jagħtiha l-art. 315(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-attriċi għalhekk daħlet għal dejn kanonizzat bl-istess mod kif xerrej ta' proprjetà ipotekata jidħol għad-dejn *qua* sid ta' proprjetà milquta b'dejn li jagħti lill-kreditur dritt *in re*.

17. Ladarba l-attriċi ma ġiet kundannata tħallas ebda penali, u l-possibilitajiet għall-kontestazzjoni tad-dejn kienu ġià magħluqa meta xtrat il-vettura, ma tistax issa tippretendi smigħ ġdid biex terġa' tiftaħ materja ġià magħluqa,

daqskemm it-terz pussessur ta' beni ipotekati ma jistax jippretendi smigħ ġdid biex jikkontesta d-dejn ipotekarju li kien ġià kanonizzat ġudizzjarjament meta hu kiseb il-proprjetà.

18. Jekk imbagħad, minkejja dan, l-Awtorità tfittex lill-attriċi għall-ħlas ta' dawn il-multi, l-attriċi jkollha kull fakoltà tikkontesta t-talba bi proċeduri ġudizzjarji, u bil-garanziji kollha li jagħtu dawk il-proċeduri, taħt l-art. 57 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku ["Kap. 65"] biex turi illi ma hijiex debitriċi personalment.

19. L-argumenti tal-attriċi fuq l-art. 6 tal-Konvenzjoni huma għalhekk irrelevanti daqskemm kienu irrelevanti l-argumenti tagħha fuq l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll.

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell tħallashom l-attriċi appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------